MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (SUPERJURI) MALTA

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**DE GAETANO VINCENT**
**ONOR. IMHALLEF**
**CAMILLERI JOSEPH D.**
**ONOR. IMHALLEF**
**FILLETTI JOSEPH A.**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 160/1997/1

**Bank of Valletta Limited**

**vs**

**"Anna`s Trading Company Limited" u Raymond u Rosaria mizzewgin Falzon**

**Il-Qorti;**

Rat is-sentenza ta` l-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta` Dicembru 1997 li tghid hekk:
F'din il-kawza s-socjetà bankarja attrici qieghda titlob minghand id-debitur principali u l-garanti s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u sittin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm23,060.75) li kienet silfet b'*overdraft*.

B’kuntratt tat-8 ta’ Jannar 1991 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Cassar is-socjetà attrici kienet tat *overdraft facilities* lis-socjetà konvenuta u dan l-*overdraft account*, meta kienet prezentata c-citazzjoni, kellu bilanc passiv ta’ tlieta u ghoxrin elf u sittin lira, u hamsa u sebghin centezmu (Lm23,060.75), barra l-imghaxijiet mill-1 ta’ Ottubru 1995.
Kienet saret ukoll skrittura privata fl-4 ta’ Novembru 1992, il-konvenuti konjugi Falzon kienu flimkien *in solidum* mas-socjetà konvenuta iggarantew id-dejn tas-socjetà konvenuta favur is-socjetà attrici.
Is-socjetà attrici sejhet lill-konvenuti, bi tliet ittri ufficjali tal-15 ta’ Novembru 1993, sabiex ihallsu, izda dawn baqghu ma hallsux, u ghalhekk is-socjetà attrici fethet din il-kawza u qieghda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti kollha *in solidum* ihallsu tlieta u ghoxrin elf u sittin lira, u hamsa u sebghin centezmu (Lm23,060.75), flimkien ma’ l-imghaxijiet mill-1 ta’ Ottubru 1995, kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

1. Kull ammont fis-somma mitluba li hu maghmul minn imghax fuq imghax ma ghandux jithallas ghax ma hemmx il-kondizzjonijiet li trid il-ligi biex ighaddi mghax fuq imghax; u
2. il-garanzija tal-konvenuti Raymond u Rosaria Falzon hija biss sa l-ammont ta’ ghoxrin elf lira (Lm20,000).

Nibdew billi nqisu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, li hija mibnija fuq l-art. 1142 tal-Kodici Civili:

**1142.** L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew, bis-sahha tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikoli ta' qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghalqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.

Is-socjetà attrici ma hix qieghda tghid li l-imghaxijiet li qieghda titlob imghaxijiet fuqhom kienu kapitalizzati b’talba gudizzjarja, lanqas ma hi qieghda tghid li sar ftehim, wara li ghalqu l-imghaxijiet, li fuq dawk l-imghaxijiet li kellhom jinghataw ghal aktar minn sena ghandhom ighaddu mghaxijiet ohra. Qieghda tghid biss li l-art. 1142 ma jghoddx fil-kaz tallum ghax hemm uzu tal-kummerc li f’kaz ta’ self b’*overdraft* jisghu jghaddu mghaxijiet fuq imghaxijiet bla ma hemm ghalfejn li jsir kif

irid l-art. 1142 tal-Kodici Civili. Ladarba, kif ighid l-art. 3 tal-Kodici tal-Kummerc, f'affarijiet tal-kummerc il-ligi civili tghodd biss fejn ma hemmx uzu tal-kummerc, fil-kaz tallum il-ligi civili ma tghoddx, ghax hemm uzu tal-kummerc.

Huwa minnu li, kif qieghda tghid is-socjetà attrici, il-ligi civili ma teghlibx l-uzu tal-kummerc, izda mhux meta l-ligi civili tiddisponi dwar materja ta' ordni pubbliku. Is-socjetà attrici, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, turi li taqbel li l-uzu tal-kummerc ma jistax imur kontra l-ordni pubbliku, izda tghid li l-art. 1142 tal-Kodici Civili ma fihx dispozizzjonijiet ta' ordni pubbliku: id-divjet ta' l-anatocizmu jmur kontra l-ordni pubbliku biss f'kuntratti ta' mutwu, u mhux f'kuntratti ohra, bhal dak ta' *overdraft*.

Is-socjetà attrici tfittex li ssahhah dan l-argument taghha billi tqabbel l-art. 1142 dwar l-anatocizmu in generali, ma' l-art. 1850 dwar l-anatocizmu fil-mutwu. Huwa biss l-art. 1850 li jghid li ftehim ta' anatocizmu ma jiswiex:

**1850.** (1) Hu lecitu l-ftehim ghall-imghaxijiet fuq self sew ta' flus kemm ta' merkanzija jew hwejjeh ohra mobbli.

(2) Jistghu wkoll jitbiddlu f'kapital gdid, b'imghax, l-imghaxijiet maghluqa, basta li dawn l-imghaxijiet ma jkollhomx jinghataw ghal zmien ta' anqas minn sena.

(3) Kull ftehim iehor ta' mghaxijiet fuq imghaxijiet ma jiswiex.

Fil-fehma tal-qorti, l-anatocizmu, kemm fil-kuntest specjali tal-mutwu kif ukoll fil-kuntest generali, jista' jservi bhala mezz ta' evazjoni tar-regola kontra l-uzura, li certament hija regola ta' ordni pubbliku. Meta jservi ghalhekk, l-anatocizmu wkoll huwa vjetat minn regola ta' ordni pubbliku.

Il-ligi ma tippermettix rata ta' mghax oghla minn dik ta' tmienja fil-mija fis-sena[1] ghal obbligazzjonijiet civili u kummercjali, waqt li, dwar operazzjonijiet bankarji, il-Ministru tal-Finanzi jista' jippermetti mghaxijiet oghla. Ukoll f'operazzjonijiet bankarji, ghalhekk, ma jistax jithallas imghax oghla minn kemm taghti l-ligi jew l-ordni tal-ministru, skond il-kaz. Issa, jekk jithallsu mghaxijiet komposti, ir-rata effettiva ta' mghax fis-sena (*annual percentage rate*) tkun oghla minn dik nominali. Fi kliem

[1] Art. 986 (2), Kodici Civili.

iehor, imghaxijiet komposti b'rata nominali ta' ×%, fejn ×% hija l-oghla li taghti l-ligi, jaghtu rata effettiva ta' aktar minn ×%. Ghalhekk, jekk, meta titlob l-oghla rata ta' mghax li taghti l-ligi, tikkapitalizza wkoll l-imghax bi frekwenza ta' aktar minn darba f'sena, tkun qieghed tikser mhux biss ir-regola kontra l-anatocizmu izda wkoll dik kontra l-uzura.

Ghal din ir-raguni, din il-qorti, bir-rispett kollu lejn l-awtorità tas-sentenzi msemmija mis-socjetà attrici fin-nota taghha, ma taqbilx mal-konkluzjoni li r-regola kontra l-anatocizmu, ukoll f'kuntratti ta' *overdraft*, ma hix regola ta' ordni pubbliku, ghallinqas f'dawk il-kazijiet fejn ir-rata nominali hija l-oghla li taghti l-ligi.

Il-qorti ghalhekk qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Nghaddu issa biex inqisu t-tieni eccezzjoni, li tghid li l-garanti ntrabtu li jaghmlu tajjeb biss sa ghoxrin elf lira (Lm20,000).

Din l-eccezzjoni hija mibnija fuq it-tieni paragrafu tal-ftehim ta' garanzija, li jghid hekk:

2. This Guarantee is to be a continuing security for the whole amount now due or owing to you or which may hereafter at any time become due or owing to you as aforesaid by the Principal (including any further advances made by you to the Principal during the next three calendar months' period hereinafter referred to and all interest and bank charges on and in connection with such further advances). Provided always that the total amount recoverable hereon shall not exceed the sum of Lm20,000 (twenty thousand Maltese Liri) in addition to

(i) such further sum for interest on that amount, or on such less sum as may be due or owing, and other banking charges in respect thereof as shall accrue due to you within six months before and at any time after either the date of demand by you upon the undersigned for payment or the date of the determination of this Guarantee pursuant to any notice of determination by the undersigned as hereinafter provided, and

(ii) costs and expenses recoverable from the Principal and costs and expenses (on a full indemnity basis) arising out of or in connection with the recovery by you of the moneys due to you under this Guarantee which the undersigned agree to pay.

Such interest (in the absence of any agreement to the contrary) shall be calculated with the usual rests and at the ruling rate from time to time for bank advances in the territory in which the liability of the Principal is incurred.

Dan ifisser illi l-garanti ntrabtu li jaghmlu tajjeb ghal:

a) il-bilanc li kien dovut mid-debitur principali dak in-nhar li kien iffirmat il-kuntratt ta' garanzija, *i.e.* fl-4 ta' Novembru 1992; u

b) *advances* ohra maghmula lid-debitur principali sa tliet xhur wara, *i.e.* sal-4 ta' Frar 1993.

Is-somma ta' dawn il-bilanci flimkien, maghduda wkoll l-imghaxijiet fuqhom u *charges* relativi, ma ghandhiex tkun ta' aktar minn ghoxrin elf lira (Lm20,000). Barra minn hekk, il-garanti ntrabtu wkoll li jaghmlu tajjeb ghal imghaxijiet li bdew ighaddu fuq dawn il-bilanci minn sitt xhur qabel ma saret sejha ghall-hlas 'il quddiem. Is-sejha ghall-hlas saret b'ittra ufficjali tal-15 ta' Novembru 1993, u ghalhekk il-garanti ghandhom jaghmlu tajjeb ukoll ghall-imghax li ghadda mill-15 ta' Mejju 1993 'il quddiem fuq il-bilanc li kien dovut dak in-nhar, sakemm il-bilanc dak in-nhar ma kienx aktar minn ghoxrin elf lira (Lm20,000).

Intrabtu wkoll li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji.

Mela, sakemm il-bilanc fil-15 ta' Mejju 1993 ma kienx aktar minn ghoxrin elf lira (Lm20,000), il-garanti ntrabtu li jaghmlu tajjeb ghal somma aktar minn ghoxrin elf lira (Lm20,000) jekk l-eccess huwa maghmul minn imghaxijiet li bdew ighaddu mill-15 ta' Mejju 1993 'il quddiem, u spejjez gudizzjarji.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti ghalissa tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni eccezzjoni u dwar it-talba tas-socjetà attrici wara li s-socjetà attrici taghti dan it-taghrif:

a) x'kien il-bilanc, maghduda l-imghaxijiet semplici mhux komposti, li kellha taghti s-socjetà konvenuta meta nfethet il-kawza fil-11 ta' Jannar 1996;

b) x'kien il-bilanc (mahdum fuq l-istess bazi) fl-4 ta' Frar 1993;

c) x'kien il-bilanc (mahdum fuq l-istess bazi) fil-15 ta' Mejju 1993; u

d) kemm kien l-imghax li ghadda fuq il-bilanc (jew fuq dik il-parti tal-bilanc li ma kinitx aktar minn ghoxrin elf lira) li

kien dovut fil-15 ta’ Mejju 1993, minn dik id-data sa dak in-nhar li nfethet il-kawza.
Dan it-taghrif ghandu jinghata b’nota li tkun prezentata sas-27 ta’ Frar 1998, u notifikata lill-konvenuti.
Il-kawza hija differita ghall-ezami ta’ din in-nota ghat-13 ta’ Marzu 1998 bil-hsieb li dak in-nhar il-kawza tkun differita ghas-sentenza.
L-ispejjez ikunu decizi fis-sentenza finali.

Minn din is-sentenza l-Bank attur interpona appell quddiem din il-Qorti fit-22 ta` Dicembru 1997 u dan peress illi hass ruhu aggravat ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors ta` l-Appell u li sejrin jigu ezaminati minn din il-Qorti aktar tard f`din is-sentenza.

Is-socjeta` appellata u l-appellati mizzewgin Falzon personalment m`ghamlux risposta ta` l-Appell minkejja illi jidher li saret in-notifika ta` l-avviz f`idejn Raymond Falzon b`zewg riferti riportati fit-tergo tal-fol 115 tal-process. Dan nonostante l-istess Raymond Falzon deher fis-seduta tat-23 ta` Frar 2000 fejn iddikjara *“li ma jiftakarx li rcieva r-rikors ta` l-Appell”* u li, pero`, ta ruhu b`notifikat bl-atti. Huwa ta min jinnota illi din kienet l-unika darba fid-diversi seduti li saru quddiem din il-Qorti illi qatt deher xi hadd ghall-appellati sew qabel sew wara s-seduta fuq imsemmija. Ghandu jissemma ukoll li parti mill-mertu gie sorvolat bi ftehim (ara verbal tal-14 ta` Ottubru 1998) u ghalhekk ghal xi zmien deher li l-Appell seta` jigi tranzatt. Dan pero` ma sehhx ( ara verbal ta` l-10 ta` Novembru 1999) u fis-seduta tat-12 ta` Gunju 2000 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-1 ta` Dicembru 2000 bil-fakolta` moghtija lill-partijiet li jaghmlu noti ta` sottomissjonijet. In-nota tal-Bank appellant saret fis-27 ta` Ottubru 2000 pero` dik ta` l-appellati baqghet ma saret qatt. B`nota ta` l-1 ta` Novembru 2000 il-Bank appellanti pprezenta varji dokumenti li huma avvizi legali mahruga mill-Bank Centrali taht il-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta` Malta li huwa l-Att dwar il-Bank Centrali ta` Malta. Ma saret ebda kontestazzjoni fir-rigward ta` din in-nota li tidher li giet accettata ukoll minn din il-Qorti kif diversament komposta. Ghal kull bon fini pero` stante illi d-dokumenti huma biss regolamenti legali

din il-Qorti jidhrilha li m`hemm ebda diffikulta` li jkomplu jiffurmaw parti mill-atti ta` dan l-Appell. Fis-seduta tal-11 ta` Marzu 2000 deher biss rapprezentant tal-Bank attur assistit li ddikjara li l-kawza setghet tibqa` differita ghas-sentenza kif giet differita in difett ta` ostakolu ghal-31 ta` Mejju 2002, fejn rega` deher biss rapprezentant tal-Bank appellant assistit u ghalhekk din il-Qorti ma tara illi jezisti ebda ostaklu biex din is-sentenza tinghata llum.

Ikkunsidrat;

Ill l-ewwel miz-zewg aggravji ta` l-appellant huwa aggravju ta` natura procedurali. Huwa minnu allegat li *"l-ewwel Qorti invertiet minghajr ebda raguni valida fid-dritt il-principju probatorju".* Il-Bank appellant isostni illi l-konvenuti ma gabu ebda prova ta` dak minnhom allegat li kien hemm xi ammont fis-somma mitluba li jikkonsisti f`imghax fuq imghax. Peress illi l-konvenuti naqsu milli jgibu din il-prova ghalhekk l-Ewwel Qorti ma missiex hadet l-inizjattiva hija stess u ordnat lis-socjeta` attrici biex hija ggib il-provi dwar dak li kienu qed jallegaw il-konvenuti u b`hekk l-Ewwel Qorti giet li nvertiet ir-regola li l-prova trid tingieb minn min jallegaha.

Ikkunsidrat;

Illi mhux daqstant car ghal din il-Qorti jekk dan l-aggravju huwiex biss immirat lejn dik il-parti tas-sentenza ta` l-Ewwel Qorti fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti jew jekk hijiex is-socjeta` appellanti tilmenta ukoll minn dik il-parti tas-sentenza ta` l-Ewwel Qorti fejn, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni moghtija mill-konjugi Falzon personalment, hija ma kenitx iddecidiet din it-tieni eccezzjoni izda kienet talbet xi taghrif minghand il-Bank attur.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu l-appell jista` jinkwadra ruhu biex jinkludi wkoll dawk l-istruzzjonijiet jew provvedimenti li l-Ewwel Qorti tat fir-rigward tat-tieni eccezzjoni ma jidhirx illi dan l-aggravju huwa sostenibbli. Il-garanzija moghtija mil-konvenuti Falzon personalment kienet limitata sas-somma massima ta` ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) (ara Dok C a fol 78 tal-process). *"Provided always that the total amount recoverable hereon shall not exceed the sum of Lm20,000 (twenty thousand Maltese liri)".* Kien jispetta allura ghall-Bank attur li jipprova l-ghala fil-kaz prezenti huwa kien qed jitlob ammont in eccess ghal din ic-cifra u kien l-istess Bank li kien tenut jipprova li dan l-eccess kien solidament dovut minn dawn il-konvenuti u li kien, se mai, jinkwadra ruhu fil-parametri tal-klawsoli 2 (i) u (ii) tal-iskrittura privata bejn il-Bank u l-konjugi Falzon ta` l-4 ta` Novembru 1992. Salv, ghalhekk, ghal dak li sejjer jinghad aktar tard f`din is-sentenza fir-rigward tal-mertu proprja ta` l-appell, din il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti kienet gustifikata li titlob it-taghrif li talbet mill-Bank attur.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Il-punt l-iehor sollevat f`dan l-aggravju huwa forsi aktar sostenibbli. Il-konvenuti ma dehru qatt quddiem l-Ewwel Qorti. Il-kawza kienet giet differita fis-seduta tal-11 ta` Novembru 1996 ghat-18 ta` Marzu 1997 proprju biex jingabu l-provi. F`din is-seduta, ukoll fin-nuqqas ta` dehra tal-konvenuti, l-Ewwel Qorti flok ghaddiet biex tisma` l-provi halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` moghtija lill-partijiet li jaghmlu noti ta` sottomissjonijiet. Dik tal-Bank attur saret fid-9 ta` Mejju 1997, filwaqt li dik tal-konvenuti ma saret qatt. Fis-seduta, invece, tal-5 ta` Dicembru 1997 l-Ewwel Qorti tat is-sentenza parzjali taghha, mertu ta` dan l-Appell, fejn <u>assumiet</u> (forsi korrettement) li s-somma mitluba kienet tikkonsisti ukoll minn imghax fuq imghax u ghaddiet biex tiddelibera dwar il-fondatezza o meno ta` talbiet simili fil-principju u b`mod generiku minghajr referenza specifika ghal din il-kawza partikolari hlief ghall-eccezzjoni moghtija, ukoll b`mod generiku, mill-konvenuti fl-ewwel eccezzjoni taghhom. Dan nonostante din il-Qorti ma tara li hemm xejn profondament skorrett fil-mod kif imxiet l-Ewwel Qorti

tenut kont tal-fatt ukoll li l-Bank attur kien partecipi f`dan kollu anke b`mod attiv. Effettivament fis-seduta tat-18 ta` Marzu 1997 l-istess Bank ma talabx li jressaq provi u ma pprotestax meta l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta` tan-noti. Infatti mar ferm oltre u effettivament ipprezenta nota ta` sottomissjonijiet ukoll b`mod generiku u limitatament ghall-principju dwar il-validita` legali ta` l-imghaxijiet fuq l-imghax f`kazijiet ta` facilitajiet bankarji fil-forma ta` 'overdraft'. Gustament ghalhekk l-Ewwel Qorti kompliet fl-istess vena fis-sentenza appellata u ma jistax wara dankollu il-Bank appellant issa jilmenta minn kif graw il-fatti. Dan l-aggravju huwa ghalhekk respint.

Ikkunsidrat;

Illi korrettement l-Ewwel Qorti bdiet l-ezami taghha fil-konsiderazzjoni ta` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti billi ezaminat l-Artiklu 1142 tal-Kodici Civili li huwa wiehed mill-artikoli fis-sub titolu dwar l-effetti ta` l-obbligazzjonijiet. Jiswa` li dan l-artiklu jigi mill-gdid ikkwotat minn din il-Qorti. *"L-imghaxijiet maghluqa jistghu jaghtu mghaxijiet ohra, sew bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ta` l-artikoli ta` qabel dan, minn dak in-nhar tat-talba gudizzjarja ghaldaqshekk jew bi ftehim li jsir wara li jaghlqu, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, l-imghaxijiet ikollhom jinghataw ghal zmien ta` mhux anqas minn sena".*

Il-Bank attur, da parti tieghu, isostni li dan l-Artiklu mhux wiehed ta` ordni pubbliku u li l-partijiet allura jistghu jikkontrattaw diversament. In sostenn ta` din l-argumentazzjoni jigbed id-distinzjoni netta li tezisti bejn dan l-Artiklu u l-Artiklu 1850 tal-Kodici Civili li jikkontempla l-ftehim ghal imghaxijiet fuq self ghal konsum jew mutwu. F`dan il-kaz il-ligi wara li tistipula li dan il-ftehim ghall-imghax huwa lecitu u tikkontempla taht liema kondizzjonijiet jista` jinbidel f`kapital gdid (sub artiklu 2) fis-sub artiklu 3 ta` dan l-artiklu jipprojbixxi kwalunkwe ftehim iehor fis-sens illi *"Kull ftehim iehor ta` imghaxijiet fuq imghaxijiet, ma jiswiex".*

Di piu` il-Bank appellant isostni li kuntrarjament ghal kaz ta` self (loan) hawn qed jigi kkunsidra ftehim ta` kont

kurrenti (overdraft). Huwa uzu tal-kummerc li gie dejjem accettat f`dawn it-tip ta` kuntratti li l-bank jghaddi l-imghax tieghu kull sitt xhur u illi jigu debitati l-imghaxijiet fuq l-imghaxijiet. Li t-transazzjoni li qed tigi ezaminata f`din il-kawza hija wahda kummercjali ma huwiex, u ma jistax ikun hemm, dubju dwaru. Mhux biss li l-ftehim tal-kont kurrent huwa wiehed intristikament kummercjali izda l-facilitajiet bankarji fil-kaz odjern inghataw lil socjeta` kummercjali u ghalhekk necessarjament biex taghmel atti tal-kummerc. Bhala obbligazzjoni kummercjali hija ghalhekk fl-ewwel lok regolata bil-ligijiet tal-kummerc *"F`affarijiet tal-kummerc, tghodd il-ligi tal-kummerc:".*(Artiklu 3 Kodici tal-Kummerc Kapitlu 13 tal-Ligijiet ta` Malta). Fejn, pero`, din il-ligi ma tipprovdix skond il-proviso ta` l-istess Artiklu 3 il-ligi civili tghodd biss fin-nuqqas ta` uzu tal-kummerc liema uzu ghalhekk jiehu precedenza fuq il-ligi civili. Il-provvedimenti tal-kont kurrent fil-Kodici tal-Kummerc ma jipprovdu xejn fir-rigward ta` din il-materja in ezami u allura, anke qabel il-Kodici Civili, japplikaw l-uzanzi tal-kummerc.

Kien dan ir-ragunament li wassal lill-Qrati taghna, fuq skorta ukoll ta` pronunzjamenti ta` Qrati u awturi esteri, li jippermettu u li jiddikjaraw legali stipulazzjonijiet maghmula fil-kuntratt ta` kont kurrent (overdraft) anke fejn il-kreditur kien qed jiddebita l-imghaxijiet b`mod kompost u mhux semplici.

Fost sentenzi ohrajn din il-Qorti sejra ssemmi "Dennis Degiorgio nomine versus Guido Sant Fournier" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-1 ta` Ottubru 1980 *"Konsegwentement, u billi l-ftehim dwar l-imghax gie bazat fuq l-uzu bankarju – nonostante ili l-ligi civili tikkunsidra null il-ftehim ta` imghaxijiet komposti ghall-perjodi iqsar minn sena – dana l-uzu bankarju ghandu jipprevali fuq il-provvedimenti civili".* Fil-kaz "Dr Joseph Agius nomine versus Avukat Dr Carmel Agius u il-Prokuratur Legali Benedict H. Dingli nomine" ta` l-20 ta` Marzu 1979 il-Qorti tal-Kummerc wara li ezaminat kaz iehor taghha tal-15 ta` Jannar 1979 fl-ismijiet "Cecil Busuttil nomine versus Alfred Spiteri Debarro" u wara li spjegat li *"F`din is-sistema l-imghaxijiet jigu mizjuda mal-*

*kapital, fuq il-bilanc ta` kuljum, kull sitt xhur, u b`hekk l-imghaxijiet isiru jifformaw parti mill-kapital"*, accetta il-legalita` ta` din is-sistema ta` komputazzjoni a tenur ta` uzu tal-kummerc. Finalment u fuq dan il-punt din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta` April 1947 fl-ismijiet "Edwin Vassallo nomine versus Salvatore Ballucci". F`din is-sentenza l-Qorti ghamlet studju verament approfondit fuq il-materja in kwistjoni fejn anke sar ezami tas-sitwazzjoni fl-Italja u fi Franza f`liema pajjizi u f`materji kummercjali l-gurisprudenza kwazi unanimament giet ghall-konkluzjoni li ghandha tezimi mir-restrizzjonijiet ta` l-anatocizmu imposti fil-ligi civili kemm il-darba kienu jezistu uzi tal-kummerc relattivi. Dik il-Qorti wara li osservat *"Illi fost dawk l-uzi huwa risaput li fil-kuntratt tal-kont korrent l-interess jimmaturaw 'ipso jure', il-ghaliex il-korrispondenti fil-kuntratt tal-kont kurrent mhumiex mutwanti, izda reciprokament mandatarji; kif ukoll li l-interessi jistghu jigu akkumulati fuq il-kapital wara zmien konvenut (li, kif sejjer jinghad iktar tard, jista` ikun ta` sena, sitt xhur, tliet xhur u anke kull xahar) sabiex jikkostitwixxu kapital gdid (ara Pardessus, Diritto Mercantile, Vol I parte III, tit. III sezzjoni 2, pagina 724, 725, u 726, para. 475): kif ukoll li kull entrata tikkostitwixxi novazzjoni"* u aktar tard *"Illi ma hemmx bzonn jinghad li l-kuntratt tal-kont korrent mhux kuntratt 'per se' ta` mutwu, anki jekk ikun hemm fih imdahhla somom b`self",* waslet ghall-konkluzzjoni illi *"il-ghaliex, la darba tkun saret il-kapitalizzazzjoni ta` l-interessi skaduti, l-indoli ta` l-interessi f`dawk il-flus kapitalizzati, oggetti ta` l-obligazzjoni, tispicca, u l-istess flus interessi kapitalizzati jsiru ma` kull kapitalizzazzjoni, kapital, u bhala tali jigu kunsidrati ghall-effetti guridici sakemm l-obbligazzjoni realtiva ma testingwix ruhha; u kien ghalhekk li Pardessus, fost awturi ohra, qal li fil-kont korrent il-kapitalizzazzjoni ta` l-interessi tmur sabiex tifforma kapital gdid".* A bazi ta` dawn il-konkluzjonijiet hija kienet tal-fehma illi bil-kapitalizazzjoni l-interessi hekk kapatilizzati ma jibqghux interessi imma jsiru kapital gdid u ghalhekk lanqas ma setghu jaqghu taht is-sanzjoni legali ta` l-anatocizmu.

Din il-Qorti tikkondividi din it-teorija li giet zviluppata f`sensiela ta` sentenzi tal-Qrati taghna u mhux biss dawk fuq ikkwotati u jidhrilha li hija l-interpretazjoni korretta tal-ligi in materja nonostante li kien hemm xi sentenza li tghid il-kuntrarju.

Il-bazi legali kollha pero` li twassal ghall-konkluzjoni fuq imsemmija hija l-ezistenza ta` ftehim ta` kont kurrenti. Terminat dan il-ftehim, tkun xi tkun ir-raguni, allura ir-regoli fuq anuncjati ma jsibux aktar l-applikazzjoni taghhom. Din it-terminazjzoni tista` ukoll tkun wahda unilaterali maghmula mill-kreditur, il-Bank attur fil-kaz prezenti, fejn dan juza` id-diskrezzjoni tieghu u jsejjah lid-debitur biex ihallas il-bilanc dovut (call in), jew javza lid-debitur li l-kont kurrenti m`ghadux qed jopera u li, per ezempju, il-kont jista` jintuza biss ghad-depoziti pero` mhux ghall-hrug ta` ammonti (readings only).

Effettivament il-mument meta jkun spicca jopera l-kont kurrent jista` ikun differenti minn kaz ghall-iehor u huwa, ovvjament, kwistjoni ta` prova. Minn dak il-mument, pero`, legalment m`ghadux jezisti ftehim ta` kont kurrenti li bl-azzjoni, anke unilaterali, ta` wahda mill-kontraenti, gie mibdul ghall-ftehim semplici ta` mutwu u, ghalhekk, minn dak il-mument l-imghaxijiet komposti mhumiex aktar leciti. F`din il-konsiderazzjoni din il-Qorti ukoll issib il-konfort ta` diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna nonostante illi uhud minn dawn is-sentenzi jidher li isostnu (minkejja illi mhux b`mod daqstant car, ara per ezempju Qorti tal-Kummerc “Scicluna noe versus Avukat Dr Tufigno et noe” tal-25 ta` April 1940) illi il-kjuzura tal-kont kurrent ghandha ssir b`sentenza tal-Qorti. Din il-Qorti pero` mhix ta` l-istess opinjoni u hija tal-fehma illi fil-mument li jigi ppruvat illi l-kont kurrent ma jkunx ghadu fil-kors normali tieghu, minn dak il-mument m`ghandhomx jghaddu aktar imghaxijiet komposti izda biss dawk semplici ghax il-ftehim kontrattwali bejn il-partijiet ikun gie mibdul f`tip ta` ftehim iehor.

Din l-opinjoni kienet ukoll dik ta` din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tat-12 ta` Frar 1988 fil-kawza fl-ismijiet “John Mary Farrugia versus Gontram

Borg nomine”. F`dak il-kaz il-Qorti ta` l-Appell irrevokat sentenza tal-prim istanza u qablet mal-parir li kien gie moghti (pero` mhux accettat) lill-istess prim istanza mill-Perit Legali l-Avukat Dr Paul Mallia. L-istess Qorti osservat illi peress illi dan l-uzu kummerjcali kien sa certu punt derogazzjoni ghal-ligi skritta kellu jigi mizmum fil-limiti gusti tieghu u kien ghalhekk illi meta jirrizulta li l-kont kurrenti bankarju gie terminat is-sistema ta` komputazzjoni ta` imghax kif applikat mill-Bank ma kellux jibqa` japplika u minflok, mat-terminazzjoni tal-kont kurrent, ikunu dovuti biss imghaxijiet semplici. Proprju meta kien il-mument li dan il-kont gie terminat kienet kwistjoni ta` apprezzament ta` provi u kienu ghalhekk applikabbli s-soliti regoli procedurali. Dan il-kaz pero` kien ukoll kaz fejn il-bank kien uza d-diskrezzjoni tieghu billi waqqaf il-kont kurrenti minkejja li halla l-kont miftuh *“for reducing purposes only”.* Dan nonostante il-Qorti ta` l-Appell dehrilha li l-bank dan ma setghetx taghmlu *“Ghandu jinghad hawn pero` li nonostante l-insistenza tieghu ma` l-appellant ghal hlas tal-bilanc, u nonostante li l-attur ma thalliex jaghmel ebda uzu mill-facilitajiet bankarji ‘de quo’ l-Bank appellat ma baqax lura li jkompli fil-mori ta` kemm dam biex jigi saldat il-kont, jaddebita lill-attur bl-imghaxijiet komposti skond il-prattika bankarja, haga li fil-fehma tal-perit legali u ta` din il-Qorti ma setax jaghmel”*. Kif fuq intqal din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-konsiderazzjonijiet.

Fil-kaz prezenti il-konvenuti naqsu li jgibu l-provi f`dan il-kuntest u allura din il-Qorti tista` tqis biss il-provi li jinstabu fl-atti processwali. Minn dawn il-provi pero` jirrizulta illi sa mill-15 ta` Novembru ta` l-1993 il-Bank, bl-ittra ufficjali li baghat, ittermina unilaterament il-kors tal-kont kurrenti bis-sejha ghar-refuzjoni ta` l-ammonti lilu dovuti w allura sa minn dak iz-zmien ir-relazzjoni bejn il-partijiet ma baqghetx dik ta` kont kurrenti izda tbiddlet f`wiehed ta` self jew mutwu w allura minn dak iz-zmien l-imghaxijiet li jistghu jintalbu huma biss imghaxijiet semplici u mhux komposti.

Ikkunsidrat;

Illi fl-akkoljiment ta` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti l-Ewwel Qorti ikkunsidrat ukoll l-aspett ta` uzura apparti dak ta` anatocizmu, ghax fil-fehma taghha bil-hlas ta` l-imghaxijiet komposti r-rata effettiva ta` imghax fis-sena *"tkun oghla minn dik nominali"*. Dan, fil-fehma taghha, kien imur kontra dak li jipprovdi s-sub artikolu (2) ta` l-Artiklu 986 tal-Kodici Civili: *"Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta` l-artikolu 1852 u ta` kull dispozizzjoni ohra ta` dan il-Kodici jew ta` xi ligi ohra, kull obbligazzjoni ghall-hlas ta` mghaxijiet f`izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla ghal dak li hu zejjed".* Din il-Qorti taqbel li dan il-provvediment huwa wkoll wiehed ta` ordni pubbliku. L-istess provvediment pero` jaghmel rizerva ghal dak li tista` tipprovdi xi ligi ohra. L-istess Qorti fis-sentenza taghha tirrikonoxxi ukoll li apparti minn dan il-provvediment tal-Kodici Civili l-Ministru tal-Finanzi f`operazzjonijiet bankarji *"jista` jippermetti mghaxijiet oghla".* Huwa biss, fejn rizultat ta` operazzjonijiet bankarji, l-oghla imghax li jista` jithallas jissupera mhux biss dik il-percentwali stipulata mill-provvediment fuq imsemmi tal-Kodici Civili izda ukoll l-oghla rata li giet iffissata mill-Ministru tal-Finanzi, li wiehed jista` jitkellem fuq ksur ta` regola ta` ordni pubbliku u fuq uzura li, finalment, fi kliem semplici mhu xejn hlief l-hlas ta` imghax oghla minn dak permess f`xi ligi.

Effettivament illum mhuwiex il-Ministru tal-Finanzi jew il-Bank Centrali li jiffissa dawn ir-rati. Infatti l-Artiklu 38 tal-Kap. 204 (kif dan l-artiklu gie sostitwit lill-Artiklu 92 ta` l-Att XVII ta' din is-sena) jipprovdi li:

*"Minkejja kull haga li tinsab f`xi ligi ohra, istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji jistghu jistabilixxu r-rata ta` mghax li tithallas fuq depoziti mizmuma minn istituzzjonijiet ta` kreditu, u r-rata ta' mghax li huma jistghu jzommu fuq self, avvanzi u kull facilita` ta' kreditu ohra kif ukoll il-hrug ta` <u>debentures</u> jew <u>debenture stocks</u> jew strumenti ohra li joholqu jew li jirrikonoxxu debitu".*

Skond id-dokumenti ezebiti mill-Bank appellant fin-nota tieghu ta` l-1 ta` Novembru 2000 il-Bank Centrali awotrizza lil-Banek kummercjali li setghu *"charge on loans*

*and advances denominated in Maltese liri shall be ten percentage points above the Central Bank`s minimum discount rate”* u dan bhala *“maximum rate of interest”.* Sfortunatament l-iktar data bikrija ta` dawn id-diversi regolamenti hija dik tat-23 ta` Novembru 1995 u allura dawn jistghu jghinu lil din il-Qorti u lill-Prim`Awla biss b`mod parzjali fid-deliberazzjonijiet taghha f`din il-kawza li d-dati relevanti tal-kontijiet fiha jippredataw din id-data.

In riassunt, ghalhekk, fir-rigward ta` l-appell mid-decizjoni ta` l-Ewwel Qorti dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti il-pozizzjoni legali korreta, fil-fehma ta` din il-Qorti, hija:

1. Li qabel id-data ta` meta gie terminat il-kont kurrent bejn il-partijiet mill-Bank attur u cioe` fil-15 ta` Novembru 1997 il-Bank kien legalment korrett li jiddebita mghaxijiet komposti basta li l-oghla rata ta` imghax ma kenitx tissupera dik ir-rata massima iffissata f`dak iz-zmien mill-Ministru tal-Finanzi jew mill-Bank Centrali ta` Malta. Fil-kalkolu rikjest, in vista ta` l-uzu tal-kummerc fuq elenkat, il-Bank korrettement ukoll setgha jikkonverti l-imghax f`kapital kull sitt xhur b`dan pero` li tul il-perjodu ta` sitt xhur, u allura sakemm l-imghaxijiet jigu hekk kapitalizzati, l-imghaxijiet kif komposti ma setghu qatt jissuperaw ir-rata massima permessibbli mil-ligi f`dak iz-zmien partikolari:
2. Wara id-data tat-terminazzjoni tal-kont kurrenti ma kienx aktar lecitu ghal-Bank appellant li jkompli jiddebita l-imghax kompost izda seta` biss jiddebita imghax semplici. Fir-rigward ta` dan l-imghax pero` lanqas ma kienet tapplika r-rata massima pprovduta fl-Artiklu 986 (2) tal-Kodici Civili izda r-rata massima kif deciza f`dak iz-zmien mill-Ministru tal-Finanzi jew mill-Bank Centrali ta` Malta skond il-kaz.

Ghar-ragunijiet kollha fuq moghtija l-appell tal-Bank attur huwa in parti milqugh u s-sentenza appellata riformata fil-parametri fuq imfissra. L-atti qed jigu rinvjati lill-Onorabbli Prim`Awla tal-Qorti Civili ghall-kontinwazzjoni u dan biex: (1) il-Bank appellant iressaq dawk il-provi u/jew sottomissjonijiet biex ikunu sodisfatti l-kweziti ta` din is-sentenza u dan fir-rigward ta` l-ewwel eccezzjoni; (2) iressaq dawk il-provi kif mitluba mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti trid taghmilha

cara li stante illi d-derogi ghar-regoli normali ta` dritt ta` pajjizna huma regoli maghmula favur il-Banek u istituzzjonijiet finanzjarji allura huwa huma li jirdu jippruvaw li verament dawn ir-regoli qeghdin jigu skruplozament interpretati fil-limiti ta` l-eccezzjonijiet fuq maghmula u dan proprju ghax, kif gie ritenut f`uhud mis-sentenzi msemmija f`dan l-Appell, dawn id-derogi favur dawn l-istituzzjonijet huma derogi minn provvedimenti li huma minimament ta` ordni pubbliku, izda li, f`certi kazijiet, il-Legislatur dehrlu li kellu jidderoga minnhom.

In vista tal-komplessita` legali tal-kaz, l-ispejjez tal-Prim`Istanza u ta` dan l-Appelll ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Dep/Reg.

gs